C/2025/655

10.2.2025

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Jannar 2025

li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Estonja

(C/2025/655)

Il-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

(1) Fit-30 ta' April 2024 daħal fis-seħħ qafas ta' governanza ekonomika tal-UE riformat. Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali ([1]), flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1467/97 emendat dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv ([2]), u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE dwar l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri emendata ([3]) huma l-elementi ewlenin tal-qafas riformat ta' governanza ekonomika tal-UE. Il-qafas għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, u tkabbir sostenibbli u inklużiv u r-reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, u li jipprevjeni defiċits eċċessivi tal-gvern. Huwa jippromwovi wkoll is-sjieda nazzjonali u jiffoka aktar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar aktar effettiv u koerenti tar-regoli.

(2) Il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju li l-Istati Membri jissottomettu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni huma fiċ-ċentru tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika. Il-pjanijiet għandhom jimmiraw li jintlaħqu żewġ objettivi: i) l-iżgurar li, fost l-oħrajn, sa tmiem il-perjodu ta' aġġustament, id-dejn tal-gvern estiż ikun fuq trajettorja ta' tnaqqis plawżibbli, jew jibqa' f'livelli prudenti, u li d-defiċit tal-gvern jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG fuq it-terminu medju, u ii) l-iżgurar tat-twettiq ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u li jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-UE. Għal dak l-għan, kull pjan għandu jippreżenta impenn fuq terminu medju għal perkors tan-nefqa netta ([4]), li effettivament jistabbilixxi restrizzjoni baġitarja għad-durata tal-pjan, li tkopri 4 jew 5 snin (skont it-terminu regolari tal-leġiżlatura fi Stat Membru). Barra minn hekk, il-pjan għandu jispjega kif l-Istat Membru ser jiżgura t-twettiq tar-riformi u l-investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (inkluż dawk li jappartjenu għall-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi (MIP), jekk applikabbli), u kif l-Istat Membru ser jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni. Il-perjodu għall-aġġustament fiskali jkopri perjodu ta' erba' snin, li jista' jiġi estiż sa tliet snin jekk l-Istat Membru jintrabat li jwettaq sett ta' riformi u investimenti rilevanti li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1263.

(3) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan, il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk jikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/1263.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 tad-29 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L, 2024/1264, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1264/oj).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265 tad-29 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L, 2024/1265, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1265/oj).

([4]) In-nefqa netta kif definita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/1263, jiġifieri n-nefqa tal-gvern netta minn (i) nefqa fuq l-imgħax, (ii) miżuri diskrezzjonali relatati mad-dħul, (iii) nefqa fuq il-programmi tal-Unjoni ffinanzjata kompletament minn dħul minn fondi tal-Unjoni, (iv) nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, (v) elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad u (vi) miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

(4) Fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill irid jadotta rakkomandazzjoni biex jistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta tal-Istat Membru kkonċernat u, fejn applikabbli, japprova s-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali.

KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PJAN FISKALI-STRUTTURALI NAZZJONALI FUQ TERMINU MEDJU TAL-ESTONJA

(5) Fil-11 ta' Ottubru 2024, l-Estonja ppreżentat il-pjan fiskali strutturali nazzjonali tagħha fuq terminu medju lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Is-sottomissjoni saret wara estensjoni tal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2024/1263, kif maqbul mal-Kummissjoni fid-dawl tar-raġunijiet ipprovduti mill-Estonja.

Proċess qabel is-sottomissjoni tal-pjan

(6) Sabiex jiġi inkwadrat id-djalogu li jwassal għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, fil-21 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni bagħtet it-trajettorja referenzjarja ([5]) lill-Estonja, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1263. Il-Kummissjoni ppubblikat it-trajettorja ta' referenza fil-11 ta' Ottubru ([6]). It-trajettorja ta' referenza hi bbażata fuq ir-riskju u tiżgura li, sa tmiem il-perjodu ta' aġġustament fiskali u fin-nuqqas ta' aktar miżuri baġitarji lil hinn mill-perjodu ta' aġġustament, id-dejn tal-gvern estiż ikun fuq trajettorja plawżibbli 'l isfel jew jibqa' f'livelli prudenti fuq terminu medju, u li d-defiċit tal-gvern estiż jinżieb taħt it-3 % tal-PDG matul il-perjodu ta' aġġustament u jinżamm taħt dak il-valur referenzjarju fuq terminu medju. It-terminu medju huwa definit bħala l-perjodu ta' għaxar snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament. F'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (UE) 2024/1263, it-trajettorja referenzjarja hija konsistenti wkoll mas-salvagwardja tas-sostenibbiltà tad-dejn u mas-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit. It-trajettorja referenzjarja tal-Estonja tistabbilixxi li, abbażi tas-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni li jsostnu l-gwida minn qabel trażmessa f'Ġunju 2024 u jekk wieħed jassumi perjodu ta' aġġustament ta' 4 snin, in-nefqa netta ma għandhiex tikber b'aktar mill-valuri pprovduti fit-Tabella 1. Dan jikkorrispondi għal tkabbir medju fin-nefqa netta ta' 3,1 % matul il-perjodu ta' aġġustament (2025–2028).

Tabella 1: Trajettorja referenzjarja pprovduta mill-Kummissjoni lill-Estonja fil-21 ta' Ġunju 2024

	2025	2026	2027	2028	Medja 2025–2028
Tkabbir massimu fin-nefqa netta (annwali, %)	3,3	3,3	2,9	2,9	3,1

Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni.

(7) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/1263, l-Estonja u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom fi djalogu tekniku f'Settembru u f'Ottubru 2024. Id-djalogu ffoka fuq il-perkors tan-nefqa netta previst mill-Estonja (inkluża d-disponibbiltà ta' spazju fiskali) u s-suppożizzjonijiet sottostanti tiegħu (b'mod partikolari punt tat-tluq fiskali, projezzjonijiet tal-PDG u d-deflatur tal-PDG differenti), kif ukoll it-twettiq previst ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni fi tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, ir-reżiljenza soċjali u ekonomika, is-sigurtà tal-enerġija u l-bini ta' kapaċitajiet ta' difiża.

(8) Il-pjan ippreżentat mill-Estonja ma jirrapportax dwar proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti (inkluż is-sħab soċjali) li sar qabel is-sottomissjoni.

Proċessi relatati oħra

(9) Fil-15 ta' Ottubru 2024, l-Estonja ssottomettiet l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tagħha għas-sena 2025. Il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar dan l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju fis-26 ta' Novembru 2024 ([7]).

([5]) Gwida minn qabel trażmessa lill-Istati Membri u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju tinkludi trajettorji mingħajr u b'estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament (li jkopri 4 u 7 snin, rispettivament). Dan jinkludi wkoll il-kundizzjonijiet inizjali ewlenin u s-suppożizzjonijiet sottostanti użati fil-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni. It-trajettorja referenzjarja ġiet ikkalkolata abbażi tal-metodoloġija deskritta fid-*Debt Sustainability Monitor 2023* tal-Kummissjoni (https://economy-finance.ec.europa.eu/publications/debt-sustainability-monitor-2023_en). Hija bbażata fuq it-tbassir tar-rebbiegħa 2024 tal-Kummissjoni u l-estensjoni tiegħu fuq terminu medju sal-2033, u t-tkabbir tal-PDG fit-tul u l-ispejjeż tat-tixjiħ huma konformi mar-rapport konġunt tal-Kummissjoni u tal-Kunsill *2024 Ageing Report*(https://economy-finance.ec.europa.eu/publications/2024-ageing-report-economic-and-budgetary-projections-eu-member-states-2022-2070_en).

([6]) https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/national-medium-term-fiscal-structural-plans_en#estonia.

([7]) L-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Estonja, 26.11.2024, C(2024) 9052 final.

(10) Fil-21 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill indirizza lill-Estonja sensiela ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) fil-kuntest tas-Semestru Ewropew ([8]).

SOMMARJU TAL-PJAN U L-VALUTAZZJONI TIEGĦU MILL-KUMMISSJONI

(11) F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2024/1263, il-Kummissjoni vvalutat il-pjan kif ġej:

Kuntest: is-sitwazzjoni u l-prospetti makroekonomiċi u fiskali

(12) L-attività ekonomika fl-Estonja naqset bi 3,0 % fl-2023, xprunata minn tnaqqis qawwi fl-esportazzjonijiet u tnaqqis fil-konsum privat. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni, l-ekonomija hija mistennija li tkompli tonqos b'1,0 % fl-2024, minħabba tnaqqis fil-konsum u fl-investiment kif ukoll dgħufija fl-esportazzjonijiet. Fl-2025, il-PDG reali huwa mistenni li jiżdied b'1,1 %, hekk kif id-domanda barranija għall-esportazzjonijiet Estonjani qed tirkupra bil-mod, għalkemm id-domanda domestika hija mistennija li tibqa' pjuttost dgħajfa. Fl-2026, il-PDG reali huwa mbassar li jiżdied bi 2,6 %, hekk kif id-domanda domestika hija mistennija li tirkupra, b'mod partikolari l-konsum privat u l-investiment. Matul il-perjodu ta' tbassir (jiġifieri, 2024-2026), it-tkabbir tal-PDG potenzjali fl-Estonja huwa mistenni li jiżdied progressivament minn 0,1 % fl-2024 għal 0,3 % fl-2026, prinċipalment xprunat minn titjib fil-PDG reali. Fl-2023 ir-rata tal-qgħad kienet ta' 6,4 % u l-Kummissjoni tipprojetta li fl-2024 tkun 7,5 %, fl-2025 tkun 7,7 % u fl-2026 tkun 7,2 %. L-inflazzjoni (deflatur tal-PDG) hija pprojettata li tonqos minn 8,1 % fl-2023 għal 5,1 % fl-2024, u hija projettata li tibqa' 4,0 % fl-2025 qabel tinżel għal 3,3 % fl-2026.

(13) (13) Fir-rigward tal-iżviluppi fiskali, fl-2023 id-defiċit tal-gvern estiż tal-Estonja ammonta għal 2,8 % tal-PDG. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, huwa mistenni li jilħaq 3,0 % tal-PDG fl-2024 u li jistabbilizza fi 3,0 % tal-PDG fl-2025 u, fuq bażi ta' ebda bidla fil-politika, anki fl-2026. It-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea jinkludi l-abbozz tal-baġit tal-Estonja għall-2025 li l-gvern ippropona lill-parlament nazzjonali f'Settembru. Id-dejn tal-gvern estiż kien ta' 20,2 % tal-PDG fi tmiem l-2023. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, il-proporzjon tad-dejn huwa mistenni li jiżdied għal 23,2 % tal-PDG fi tmiem l-2024. Huwa projettat li jiżdied għal 24,2 % tal-PDG fi tmiem l-2025 u 25,5 % fi tmiem l-2026. Il-projezzjonijiet fiskali mill-Kummissjoni ma jqisux l-impenji ta' politika fil-pjanijiet fuq terminu medju bħala tali sakemm ma jkunux sostnuti minn miżuri ta' politika konkreti mħabbra b'mod kredibbli u speċifikati biżżejjed.

Perkors tan-nefqa netta u suppożizzjonijiet makroekonomiċi ewlenin fil-pjan

(14) Il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Estonja jkopri l-perjodu 2025-2028 u jippreżenta aġġustament fiskali fuq 4 snin.

(15) Il-pjan fih l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2024/1263, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni dwar il-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati domestiċi qabel is-sottomissjoni (kif meħtieġ bl-Artikolu 13(g)(vi) tar-Regolament (UE) 2024/1263).

(16) Il-pjan jimpenja ruħu għall-perkors tan-nefqa netta indikat fit-Tabella 2, li jikkorrispondi għal tkabbir medju fin-nefqa netta ta' 4,7 % matul is-snin 2025-2028. It-tkabbir medju tan-nefqa netta rrapportat fil-pjan matul il-perjodu ta' aġġustament (2025–2028) huwa oġħla mit-trajettorja referenzjarja trażmessa mill-Kummissjoni fil-21 ta' Ġunju 2024. Il-perkors tat-tkabbir fin-nefqa netta fil-pjan jisfrutta l-fatt li l-Estonja għandha xi spazju għad-dekonsolidazzjoni fiskali, li ma kienx rifless fil-gwida preċedenti tal-Kummissjoni trażmessa lill-Estonja fil-21 ta' Ġunju 2024. L-ispazju fiskali joriġina mil-livell baxx ta' dejn fl-Estonja flimkien mat-tnaqqis mistenni tad-defiċit primarju jekk il-politika ma tinbidilx. Dan iżid ir-rata massima ta' tkabbir tan-nefqa netta li tiżgura li d-dejn tal-gvern estiż jibqa' f'livelli prudenti fuq terminu medju, u li d-defiċit tal-gvern estiż jinżamm taħt il-valur referenzjarju fuq terminu medju, kif muri fit-Tabella 3. Il-pjan jassumi li t-tkabbir tal-PDG potenzjali ser jiżdied għal 1 % fl-2025 (minn 0,7 % fl-2024), qabel ma jonqos għal 0,5 % fl-2027 u fl-2028. Barra minn hekk, il-pjan jistenna li r-rata ta' tkabbir tad-deflatur tal-PDG tiżdied għal 4,0 % fl-2025 (minn 3,7 % fl-2024), qabel ma tonqos gradwalment għal 2,8 % fl-2028.

Tabella 2: Perkors tan-nefqa netta u suppożizzjonijiet ewlenin fil-pjan tal-Estonja

	2024	2025	2026	2027	2028	Medja matul il-perjodu ta' validità tal-pjan 2025–2028
Tkabbir nett fin-nefqa (annwali, %)	1,9	7,1	5,1	3,6	3,2	4,7

([8]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2024 dwar il-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u strutturali tal-Estonja.

	2024	2025	2026	2027	2028	Medja matul il-perjodu ta' validità tal-pjan 2025–2028
Tkabbir nett fin-nefqa (kumulattiv, mis-sena bażi 2023, %)	1,9	9,2	14,8	18,9	22,6	mhux applikabbli
Tkabbir tal-PDG potenzjali (%)	0,7	1,0	0,9	0,5	0,5	0,7
Inflazzjoni (tkabbir tad-deflatur tal-PDG) (%)	3,7	4,0	3,6	3,2	2,8	3,4

Sors: Il-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tal-Estonja u l-kalkoli tal-Kummissjoni

Implikazzjonijiet tal-impenji tan-nefqa netta tal-pjan għad-dejn tal-gvern estiż

(17) Jekk il-perkors tan-nefqa netta impenjat fil-pjan u s-suppożizzjonijiet sottostanti jimmaterjalizzaw, id-dejn tal-gvern estiż, skont il-pjan, jiżdied gradwalment minn 23,7 % fl-2024 għal 28,6 % tal-PDG fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament (2028), skont it-tabella li ġejja. Wara l-aġġustament, fuq terminu medju (jiġifieri sal-2038), il-proporzjon tad-dejn huwa projettat li jkompli jikber skont il-pjan, għalkemm b'pass aktar bil-mod, u jilħaq 32,6 % sal-2038.

Tabella 3: Id-dejn tal-gvern estiż u l-iżviluppi tal-bilanċ fil-pjan tal-Estonja

	2023	2024	2025	2026	2027	2028	2038
Dejn tal-gvern (% tal-PDG)	20,0	23,7	25,2	26,4	27,6	28,6	32,6
Bilanċ tal-gvern (% tal-PDG)	- 2,4	- 2,7	- 3,0	- 2,7	- 2,3	- 2,1	- 1,5

Sors: Pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tal-Estonja

Għalhekk, skont il-pjan, id-dejn tal-gvern estiż jibqa' sew taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG fuq terminu medju. Dan huwa plawżibbli abbażi tas-suppożizzjonijiet tal-pjan, peress li d-dejn ikun ipprojettat li jkun taħt is-60 % tal-PDG sal-2038 skont it-testijiet tal-istress deterministiċi kollha tal-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-Kummissjoni. Għalhekk, abbażi tal-impenji ta' politika u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tal-pjan, il-perkors tan-nefqa netta ppreżentat fil-pjan huwa konsistenti mar-rekwiżit għad-dejn stabbilit fl-Artikolu 6(a) u l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263.

Implikazzjonijiet tal-impenji tan-nefqa netta tal-pjan għall-bilanċ tal-gvern estiż

(18) Fuq il-bażi tal-perkors u s-suppożizzjonijiet tan-nefqa netta tal-pjan, id-defiċit tal-gvern estiż jilħaq it-3 % tal-PDG fl-2025 u mbagħad jitjieb gradwalment għal 2,1 % fl-2028. Għalhekk, skont il-pjan, il-bilanċ tal-gvern estiż ma jaqbiżx il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament (2028). Barra minn hekk, fl-10 snin wara l-perjodu ta' aġġustament (jiġifieri sal-2038), id-defiċit tal-gvern ma jaqbiżx it-3 % tal-PDG. Għalhekk, abbażi tal-impenji ta' politika u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tal-pjan, il-perkors tan-nefqa netta mressaq fil-pjan huwa konsistenti mar-rekwiżit għad-defiċit kif stipulat fl-Artikoli 6, il-punt (b), u 16(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263.

Konsistenza tal-pjan mas-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit

(19) Jekk is-suppożizzjonijiet u l-impenji tal-pjan jimmaterjalizzaw, id-defiċit strutturali jibqa' taħt il-1,5 % tal-PDG matul il-perjodu ta' aġġustament. Għalhekk, abbażi tal-impenji ta' politika u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tal-pjan,

il-marġni ta' reżiljenza komuni msemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2024/1263 ser ikompli jiġi rispettat, u għalhekk mhuwiex meħtieġ it-titjib addizzjonali fil-bilanċ primarju strutturali msemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263.

Konsistenza tal-pjan mas-salvagwardja tas-sostenibbiltà tad-dejn

(20) Skont il-pjan, id-dejn tal-gvern estiż huwa mistenni li jibqa' taħt is-60 % tal-PDG matul il-perjodu ta' aġġustament kollu. Għalhekk, is-salvagwardja tas-sostenibbiltà tad-dejn ma tapplikax.

Suppożizzjonijiet makroekonomiċi tal-pjan

(21) Il-pjan huwa bbażat fuq sett ta' suppożizzjonijiet li huma differenti mis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni trażmessi lill-Estonja fil-21 ta' Ġunju. B'mod partikolari, il-pjan fih suppożizzjonijiet differenti għall-pożizzjoni fiskali inizjali (inkluż id-dejn, it-tkabbir fin-nefqa primarja u l-bilanċ primarju strutturali għall-2024), it-tkabbir tal-PDG reali u t-tkabbir tad-deflatur tal-PDG. Valutazzjoni bir-reqqa ta' dawn id-differenzi fis-suppożizzjonijiet hija meħtieġa biex jiġi żgurat li dawn ikunu sostnuti minn argumenti ekonomiċi sodi u mmexxija mid-data, speċjalment peress li t-tkabbir medju tan-nefqa netta fil-pjan huwa ogħla minn dak fit-trajettorja referenzjarja.

Id-differenzi fis-suppożizzjonijiet, li għandhom l-aktar impatt sinifikanti fuq it-tkabbir medju tan-nefqa netta, huma elenkati hawn taħt flimkien ma' valutazzjoni separata ta' kull differenza.

— Il-pjan jassumi pożizzjoni fiskali inizjali aktar favorevoli minn dik li qed tassumi l-Kummissjoni. Għall-2023 u l-2024, il-pjan jieħu kont ta' data aġġornata tal-eżitu u previżjonijiet nazzjonali għad-dejn, it-tkabbir fin-nefqa primarja u l-bilanċ primarju strutturali. Dan jikkontribwixxi għal tkabbir medju fin-nefqa netta ogħla matul il-perjodu ta' aġġustament fil-pjan minn dak indikat fis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni. Abbażi tad-data disponibbli fiż-żmien tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjan, il-Kummissjoni tqis li l-punt tat-tluq huwa realistiku fid-dawl tal-bilanċ primarju strutturali aġġornat u l-kalkoli tad-distakk fl-output. Konsegwentement, din is-suppożizzjoni titqies li hija debitament ġustifikata.

— Għall-perjodu 2021–2028 il-pjan jassumi perkors ta' tkabbir tal-PDG reali differenti mis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni. Dan jikkontribwixxi għal ċerti devjazzjonijiet fil-perkors ta' tkabbir medju tan-nefqa netta fil-perjodu ta' aġġustament fil-pjan. Abbażi ta' previżjonijiet nazzjonali aktar reċenti, meta mqabbel mas-suppożizzjoni tal-Kummissjoni, it-tkabbir huwa mistenni li jkun aktar b'saħħtu fl-2025 iżda aktar dgħajjef mill-2026 'il quddiem. B'mod ġenerali, fil-pjan qed jiġi preżunt li t-tkabbir tal-PDG bħala medja jibqa' simili għas-suppożizzjoni tal-Kummissjoni; għalhekk din is-suppożizzjoni titqies bħala ġġustifikata kif xieraq.

— Il-pjan jassumi tkabbir tad-deflatur tal-PDG li huwa 0,8 punti perċentwali ogħla bħala medja fl-2024 u l-2025 meta mqabbel mas-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni. Dan jikkontribwixxi għal perkors ta' tkabbir medju ogħla tan-nefqa netta matul il-perjodu ta' aġġustament fil-pjan milli skont is-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni. Iż-żieda ogħla fid-deflatur tal-PDG hija bbażata fuq previżjonijiet nazzjonali aktar reċenti u hija konformi mat-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni. Konsegwentement, din is-suppożizzjoni titqies li hija debitament ġustifikata.

Id-differenzi kollha fis-suppożizzjonijiet u miżjuda mal-ispazju fiskali kollox ma' kollox iwasslu għal tkabbir medju fin-nefqa netta fil-pjan li huwa ogħla mit-trajettorja referenzjarja. Il-Kummissjoni ser tqis il-valutazzjoni ta' hawn fuq tas-suppożizzjonijiet tal-pjan f'valutazzjonijiet futuri tal-konformità mal-perkors tan-nefqa netta.

Strateġija fiskali tal-pjan

(22) Skont l-istrateġija fiskali indikattiva fil-pjan, l-impenji fuq in-nefqa netta ser jitwettqu kemm permezz ta' trażżin tan-nefqa kif ukoll permezz ta' żidiet diskrezzjonali fid-dħul. Id-diversi miżuri ta' dħul elenkati fil-pjan jinkludu bidliet fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu u żidiet fir-rati tad-dazju tas-sisa, l-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-vetturi bil-mutur kif ukoll l-introduzzjoni ta' ħlas addizzjonali fuq is-sigurtà b'terminu fiss (li ser jingħabar permezz ta' żieda fil-VAT minn nofs l-2025 u permezz ta' żieda fit-tassazzjoni tal-introjti kollha ta' persuni fiżiċi u tal-profitti korporattivi mill-2026). Fuq in-naħa tan-nefqa, l-Estonja beħsiebha twettaq reviżjoni tal-baġit għall-2023–2027 biex iżżid l-effiċjenza tal-użu tal-fondi tal-baġit tal-istat u l-forniment ta' servizzi u attivitajiet rilevanti bl-aħjar kostijiet abbażi tal-għanijiet tal-istat. Fl-istess ħin, l-Estonja beħsiebha wkoll iżżid l-infiq fid-difiża u l-investimenti fid-difiża. L-ispeċifikazzjoni tal-miżuri ta' politika li ser jiġu adottati għandha tiġi kkonfermata jew aġġustata u kkwantifikata fil-baġits annwali. Fl-istess ħin, hemm riskji għall-implimentazzjoni tal-istrateġija fiskali indikattiva fil-pjan, minħabba li l-aġġustament fiskali huwa parzjalment ibbażat fuq żidiet diskrezzjonali fid-dħul. Minħabba li hu previst irkupru kajman fit-tkabbir, il-ġbir tad-dħul mit-taxxa jirriskja li jkun aktar baxx minn dak preżunt fil-pjan. Barra minn hekk, l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2025 jispeċifika l-miżuri ta' politika li permezz tagħhom ser jinkiseb l-impenn tan-nefqa netta għall-2025.

Intenzjonijiet ta' riforma u investiment fil-pjan biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fejn jiġu indirizzati l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni

(23) Il-pjan jiddeskrivi l-intenzjonijiet ta' politika li jikkonċernaw ir-riformi u l-investimenti biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, speċjalment is-CSRs, u biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet komuni tal-UE. Il-pjan jinkludi 11-il riforma u investiment, li minnhom 6 huma appoġġati finanzjarjament mill-RRF u 4 mill-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

(24) Fir-rigward tal-prijorità komuni ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, inklużi l-objettivi klimatiċi stipulati fir-Regolament (UE) 2021/1119, il-pjan jinkludi diversi riformi, minbarra l-implimentazzjoni tal-miżuri fil-pjan Estonjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP). L-ewwel nett, il-pjan jinkludi riforma fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli, li biha għandha tintlaħaq il-mira biex il-konsum tal-elettriku jkun kopert 100 % minn sorsi rinnovabbli sal-2030. It-tieni, il-pjan jinkludi l-adozzjoni tal-Liġi dwar ekonomija reżiljenti għall-klima. Il-liġi li għandha tiġi adottata ser tistabbilixxi l-pedamenti għal ekonomija reżistenti għall-klima billi tistabbilixxi miri għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tħeġġeġ l-adozzjoni ta' teknoloġiji nodfa u rkupru aħjar tar-riżorsi. Dawn iż-żewġ miżuri għandhom l-għan li jindirizzaw is-CSR tal-2024 (u s-CSRs tas-sena ta' qabel mill-2023, l-2022 u l-2020), fejn l-Estonja qed tintalab biex tieħu azzjoni biex tnaqqas is-sehem tal-iskist keroġenuż fit-taħlita tal-enerġija u żżid il-produttività tar-riżorsi permezz tal-innovazzjoni b'bażi bijoloġika.

(25) Fir-rigward tal-prijorità komuni tar-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, minbarra l-implimentazzjoni tal-miżuri fl-RRP Estonjan, il-pjan jinkludi diversi riformi. L-ewwel nett, il-pjan jinkludi miżuri li jtejbu l-kwalità u d-disponibbiltà tal-kura speċjali. F'dan is-sens għandhom jiġu organizzati mill-ġdid l-aġenziji u l-postijiet ta' servizz biex jiżguraw kundizzjonijiet tal-għajxien moderni għal persuni b'disturbi mentali. It-tieni nett, is-sistema ta' riabilitazzjoni ser tiġi organizzata mill-ġdid biex jiġi żgurat li l-persuni fil-bżonn ta' riabilitazzjoni jirċievu servizzi skont il-ħtiġijiet tagħhom, li s-servizzi jkunu faċli biex jiġu aċċessati u appoġġati, u li s-servizzi jingħataw b'mod integrat permezz ta' kooperazzjoni multidixxiplinari. It-tielet, ser isir diversi titjib fis-sistema tal-kura tas-saħħa. Ir-raba', il-pjan jinkludi aktar riforma tal-kura fit-tul. L-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-servizz ta' infermerija 24/7 ser jiġu trasferiti għall-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa mill-2025. Il-ħames, il-pjan jinkludi r-riforma tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad, u l-estensjoni tal-kopertura tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad għal forom ġodda ta' xogħol qed tiġi deliberata. Dawn il-ħames miżuri għandhom l-għan li jindirizzaw CSR tal-2024 (u impliċitament is-CSRs mill-2023, l-2022 u l-2020), fejn l-Estonja ntalbet tieħu azzjoni biex issaħħaħ il-protezzjoni soċjali, fost l-oħrajn biex tindirizza l-faqar fix-xjuħija u billi testendi l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad, b'mod partikolari għal dawk b'perjodi qosra ta' xogħol u f'forom mhux standard ta' xogħol. Għandhom ukoll l-għan li jikkunsidraw is-CSR tal-2024 (u impliċitament is-CSRs tas-sena ta' qabel mill-2023, l-2022 u l-2020), li tappella lill-Estonja biex ittejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul u l-finanzjament tagħhom. Barra minn hekk, il-pjan fih riforma tal-edukazzjoni vokazzjonali. Din il-miżura tikkonċerna s-CSR tal-2024 (u b'mod impliċitu subparti tas-CSR tal-2019), li tistieden lill-Estonja ttejjeb il-provvista tal-ħiliet permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet u billi tattira u żżomm aħjar it-talent.

(26) Fir-rigward tal-prijorità komuni tas-sigurtà tal-enerġija, minbarra l-implimentazzjoni tal-miżuri fl-RRP Estonjan il-pjan jinkludi riforma fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli, li biha għandha tintlaħaq il-mira biex il-konsum tal-elettriku jkun kopert 100 % minn sorsi rinnovabbli sal-2030. Din il-miżura għandha l-għan li tindirizza s-CSR tal-2024 (u tas-snin 2023, 2022 u 2020), fejn l-Estonja qed tintalab biex tieħu azzjoni biex tnaqqas is-sehem tal-iskist keroġenuż fit-taħlita tal-enerġija u żżid il-produttività tar-riżorsi permezz tal-innovazzjoni b'bażi bijoloġika.

(27) F'dak li għandu x'jaqsam mal-prijorità komuni tal-kapaċitajiet ta' difiża, il-pjan jinkludi lista ta' riformi tat-taxxa taħt it-terminu umbrella "ħlas addizzjonali għas-sigurtà". Filwaqt li d-dħul mit-taxxa ġġenerat b'taxxi ġodda jew modifikati jista' jintuża għal kwalunkwe skop, il-ġustifikazzjoni użata mill-gvern timplika li hija miżura biex jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' difiża. Madankollu, lil hinn mill-"ħlas addizzjonali għas-sigurtà" msemmi hawn fuq, il-pjan ma jinkludix deliberazzjoni espliċita ta' riformi u investimenti relatati mad-difiża.

(28) Il-pjan jipprovdi informazzjoni dwar il-konsistenza u, fejn xieraq, il-komplementarjetà mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u mal-RRP Estonjan. Il-pjan isemmi li t-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura speċjali, ir-riorganizzazzjoni tas-sistema ta' riabilitazzjoni, u r-riforma tal-kura fit-tul kollha jikkontribwixxu għall-mira P04 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-Politika ta' Koeżjoni (l-Estonja soċjali) u għall-komponent 6 tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (il-kura tas-saħħa u l-protezzjoni soċjali). Ir-riforma tal-benefiċċju tal-qgħad u tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad, u l-estensjoni tal-kopertura tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad għal forom ġodda ta' xogħol, jikkontribwixxu wkoll għall-komponent 6 tal-RRF (il-kura tas-saħħa u l-protezzjoni soċjali). Ir-riforma biex il-konsum tal-elettriku jkun kopert 100 % minn sorsi rinnovabbli tikkontribwixxi għall-komponenti 4 (l-enerġija u l-effiċjenza enerġetika) u 8 (REPowerEU) tal-RRF.

(29) Il-pjan jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-bżonn ta' investiment pubbliku tal-Estonja relatat mal-prijoritajiet komuni tal-UE. Fir-rigward tal-prijorità komuni ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, il-pjan jidentifika l-ħtieġa għal investimenti addizzjonali relatati mal-implimentazzjoni tal-Att għal ekonomija reżiljenti għall-klima. Fir-rigward tal-prijorità komuni ta' reżiljenza soċjali u ekonomika, il-pjan jidentifika l-ħtieġa għal investimenti addizzjonali relatati mal-integrazzjoni tas-settur soċjali u tas-saħħa. Fir-rigward tal-prijorità komuni tas-sigurtà tal-enerġija, il-pjan jidentifika li għas-sinkronizzazzjoni mas-sistema tal-elettriku Ewropea u għal żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli huma meħtieġa investimenti addizzjonali. Fir-rigward tal-prijorità komuni tal-kapaċitajiet ta' difiża, il-pjan jidentifika l-ħtieġa għal investimenti addizzjonali relatati mat-titjib tal-kapaċitajiet ta' difiża.

Konklużjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni

(30) B'mod ġenerali, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-pjan tal-Estonja jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/1263.

KONKLUŻJONI ĠENERALI TAL-KUNSILL

(31) Il-Kunsill jilqa' l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tal-Estonja u jqis li l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu twassal biex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sodi u tiġi appoġġata s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku kif ukoll tkabbir sostenibbli u inklużiv.

(32) Il-Kunsill jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjan. Madankollu, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-valutazzjoni tagħha tal-pjanijiet futuri f'dokument separat mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.

(33) Il-Kunsill jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-perkors tan-nefqa netta u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi ewlenin fil-pjan, inkluż fir-rigward tal-gwida minn qabel mill-Kummissjoni, kif ukoll l-implikazzjonijiet tal-perkors tan-nefqa netta tal-pjan għad-defiċit u d-dejn tal-gvern. Il-Kunsill jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi u fiskali, filwaqt li f'xi każijiet huma differenti mis-suppożizzjonijiet tal-Kummissjoni, inkluż biex jipprovdu għal data makroekonomika u fiskali aġġornata, huma ġeneralment debitament ġustifikati u sostnuti minn argumenti ekonomiċi sodi. Il-Kunsill jieħu nota tal-istrateġija fiskali wiesgħa tal-pjan u r-riskji għall-prospettiva, li jistgħu jaffettwaw il-materjalizzazzjoni tax-xenarju makroekonomiku u s-suppożizzjonijiet sottostanti u t-twettiq tal-perkors tan-nefqa netta tal-pjan. B'mod partikolari, il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li l-partijiet ikkonċernati rilevanti ġew ikkonsultati qabel il-preżentazzjoni tal-pjan għalkemm dan ma ġiex irrappurtat fil-pjan. Il-Kunsill jinnota wkoll li r-riskji ġeopolitiċi jistgħu jagħmlu pressjoni fuq in-nefqiet tad-difiża.

(34) Il-Kunsill jistenna li l-Estonja tkun lesta taġġusta l-istrateġija fiskali tagħha kif meħtieġ biex tiżgura t-twettiq tal-perkors tan-nefqa netta tagħha. Il-Kunsill huwa determinat li jissorvelja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u fiskali, inkluż dawk sottostanti għax-xenarju tal-pjan.

(35) Il-Kunsill iqis li aktar diskussjonijiet biex jinstab fehim komuni dwar l-implikazzjonijiet ta' sorveljanza annwali tar-rati ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta huma meħtieġa fil-ħin għaċ-ċiklu li jmiss ta' sorveljanza fiskali.

(36) Il-Kunsill jieħu nota tad-deskrizzjoni tal-Kummissjoni tar-riformi u l-ħtiġijiet u l-intenzjonijiet ta' investiment, b'reazzjoni għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat it-twettiq ta' tali riformi u investimenti. Il-Kunsill, abbażi tar-rapporti ppreżentati mill-Kummissjoni, ser jivvaluta tali riformi u investimenti u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

(37) Il-Kunsill jistenna b'interess ir-rapporti ta' progress annwali mill-Estonja li għandu jkun fihom, b'mod partikolari, informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill, u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti usa' fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(38) F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1263, il-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit fil-pjan għandu jiġi rrakkomandat mill-Kunsill lill-Estonja.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Estonja:

1. Tiżgura li t-tkabbir fin-nefqa netta ma jaqbiżx il-massimi stabbiliti fl-Anness I ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. DOMAŃSKI

ANNESS I

Rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta
(rati ta' tkabbir annwali u kumulattivi, f'termini nominali)

L-Estonja

Snin		2025	2026	2027	2028
Rati ta' tkabbir (%)	Annwali	7,1	5,1	3,6	3,2
	Kumulattiv (*)	9,2	14,8	18,9	22,6

(*) Ir-rati ta' tkabbir kumulattivi huma kkalkolati b'referenza għas-sena bażi tal-2023. Ir-rati kumulattivi ta' tkabbir jintużaw fil-monitoraġġ annwali tal-konformità ex post fil-kont ta' kontroll.